MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1305/2005

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi (ID 666837M u 11440M)**

**Vs**

**Emanuel u Connie konjugi Pace u Leone u Grace konjugi Ciantar**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm1448 (elf, erbgha mija u tmienja u erbghin Lira Maltin) dovuti ghal kumpens ghal okkupazzjoni.

Ra li l-konvenuti Leone u Grace konjugi Ciantar debitament notifikati, baqghet ma pprezentatx risposta.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenuti konjugi Ciantar iwiegeb ghalihom bil-gurament

u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-5 ta' Lulju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fid-19 ta' Settembru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------